**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Novembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Konrad Dimech**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Konrad Dimech ta' 44 sena iben Godwin u Pauline nee` Galea imwieled Attard nhar it-30 ta' Novembru 1973 u joqghod 67, Siteplans Blk B, Fl3, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita` numru: 542673(M);

Akkuzat talli fi Frar 2019 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Manomano Dudzayi Timmy u/jew Samuel Attard;***

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Manomano Dudzayi Timmy u/jew Samuel Attard;***

3. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Suneel Patras u/jew Samuel Attard;***

4. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Suneel Patras u/jew Samuel Attard;***

5. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Jaser Alzghoul u/jew Samuel Attard;***

6. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Jaser Alzghoul u/jew Samuel Attard;***

7. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' mhux aktar minn hames mitt (€500) Euro, ***ghad-detriment ta' Orian Jaku u/jew Paul Chetcuti;***

8. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta' mhux aktar minn hames mitt (€500) Euro, ***ghad-detriment ta' Orian Jaku u/jew Paul Chetcuti;***

9. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' mhux aktar minn hames mitt (€500) Euro, ***ghad-detriment ta' Diana Savova u/jew Caroline Vella;***

10. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta' mhux aktar minn hames mitt (€500) Euro, ***ghad-detriment ta' Diana Savova u/jew Caroline Vella;***

11. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' mhux aktar minn hames mitt (€500) Euro, ***ghad-detriment ta' Manu Chennakuzhiyl Manu u/jew Paul Chetcuti;***

12. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta' mhux aktar minn hames mitt (€500) Euro, ***ghad-detriment ta' Manu Chennakuzhiyl Manu u/jew Paul Chetcuti;***

13. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Odion Peter Ebhota u/jew Adam Grima;***

14. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Odion Peter Ebhota u/jew Adam Grima;***

15. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Cesare Daniele Cucinotta u/jew Samuel Attard;***

16. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Cesare Daniele Cucinotta u/jew Samuel Attard;***

17. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' mhux aktar minn hames mitt (€500) Euro, ***ghad-detriment ta' Kangana Ratra u/jew Samuel Attard;***

18. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta' mhux aktar minn hames mitt (€500) Euro, ***ghad-detriment ta' Kangana Ratra u/jew Samuel Attard;***

19. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar

grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Vladimir Dordevic u/jew Caroline Vella ;***

20. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta' aktar minn hames mitt (€500) Euro izda mhux iktar minn hamest elef (€5000) Euro, ***ghad-detriment ta' Vladimir Dordevic u/jew Caroline Vella;***

21. U aktar talli, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

22. Ukoll talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghal erba' snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D, fl-30 ta' Mejju 2015 liema sentenza hija definittiva u li ma tistax tigi mibdula;

23. Finalment akkuzat talli fl-istess lok hin u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv, meta gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jinbidlu u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**3.** Rat li fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2020, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**6.** Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu, u li l-piena massima ghall-dawn l-imputazzjonijiet hija ta' disa' snin prigunerija u li jigi ordnat jirrifondi lill-vittmi d-danni li sofrew, li komplessivament jammontaw ghall-hamest elef sitt mija u hamsin Euro (€5,650). Inoltre s-sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza imsemmija fl-imputazzjoni numru ghoxrin tigi reza operattiva u ghalhekk it-total globali u massimu tal-piena karcerarja huwa ta' hdax-il sena prigunerija.

**8.** Il-Qorti issospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat tieghu sabiex jara jridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu.

**9.** Meta regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv. Il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk jikkonfermax il-htija tieghu u hu wiegeb li qieghed jikkonferma li hu hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

**10.** Il-Qorti semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**12.** Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat Konrad Dimech hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

**13.** Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ammetta li hu kien qed jirriklama postijiet ghal kiri li ma kienux tieghu, minghajr il-kunsens tas-sidien ta' dawn il-postijiet, u jiffirma skritturi ta' lokazzjoni ma' terzi persuni, u jiehdilhom depozitu u jiffirmalhom ricevuta u jaghtihom kopji tal-karta tal-identita tieghu. Pero sussegwentement ma kienx jonera l-iskrittura ta' lokazzjoni jew inkella ma kienx fil-

verita ikellem lil sid il-fond u jinfurmah li krieh, sabiex ikun jista' izomm id-depozitu ghalih.

**14.** Huwa vera li fl-istadju tal-investigazzjoni, l-imputat ikkoopera mal-Pulizija kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu, fejn ammetta ghall-allegazzjonijiet li kienu saru kontrih mill-vittmi, fir-rapporti taghhom lill-Pulizija. Pero huwa ammetta l-htija tieghu f'dawn il-proceduri biss fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2020 – iktar minn sena u nofs wara li nbdew, u wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha. Ghalhekk, l-imputat xorta hela r-rizorsi tal-Pulizija u ta' din il-Qorti, u l-ammissjoni tieghu ma tistax titqies bhala wahda bikrija.

**15.** Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li l-imputat ghandu l-vizzju tax-xorb, pero l-Ufficjal Prosekutur qal li l-imputat qatt ma semmielu din il-problema, u fil-fatt, fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma jsemmix li ghandu din il-problema. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li kien jahdem bhala *receptionist* f'lukanda, u persuni li jkollhom vizzju akut tax-xorb, normalment ma jirnexxielhomx izommu impjieg fiss, ghal ragunijiet ovvji.

**16.** F'dawn il-proceduri, l-imputat iffroda disa' (9) persuni, li huma kollha ta' nazzjonalita barranija. Apparti li tilfu flushom, kif jirrizulta mill-provi, hafna minn dawn il-vittmi sabu ruhhom fi problemi logistici kbar, meta rrealizzaw li l-imputat kien dahak bihom, u l-appartament li kienu krew ma setghux jidhlu fih, u spiccaw litteralment minghajr saqaf fuq rashom – uhud minnhom kellhom it-tfal zghar ukoll jghixu maghhom. Minn dawn il-vittmi kien hemm min kellu jorqod fit-triq jew fil-karozza, anke f'maltemp kbir, sakemm sabu jikru post iehor.

**17.** Il-vittmi kollha, hlief Cesare Daniele Cucinotta, xehdu u kkonfermaw l-ammonti rispettivi li taw lill-imputat. Cesare Daniele Cucinotta ma xehedx ghaliex lahaq siefer, u mbaghad kien hemm diffikulta li jirritorna Malta minhabba l-pandemija tal-Covid 19. Madanakollu, fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li Cucinotta kien tah elf Euro, rapprezentanti hames mitt Euro (€500) deposit, u hames mitt Euro (€500) l-ewwel kirja tax-xahar.[1] L-ammont globali li iddefrawda l-imputat huwa ta' €5650.00. Fit-trattazzjoni

[1] Ara fol. 17 tal-process.

orali, id-difiza iddikjarat li bhalissa l-imputat m'ghandux mezzi finanzjarji biex jirrifondi dawn il-flus.

**18.** Mill-fedina penali aggornata tal-imputat jirrizulta li hu ghandu erba' kundanni minn dawn il-Qrati. Zewg kundanni ghal ksur tal-ligijiet tas-sewqan, kundanna ghal kontravvenzjoni, u l-ahhar kundanna fl-2015 ghal frodi u misapproprjazzjoni ta' tlettax (13)-il persuna. F'din l-ahhar sentenza huwa kien inghata sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Pero jidher li l-imputat ma tghallem xejn u rega' ikkommetta reati identici li taghhom ammetta li huwa hati f'dawn il-proceduri. Fil-fatt, f'dawn il-proceduri, l-imputat ammetta wkoll li hu kiser il-kundizzjoni ta' din is-sentenza sospiza. Din l-attitudni tal-imputat li jirrepeti l-istess zbalji li diga ghamel, meta inghata opportunita minn dawn il-Qrati biex jirriforma ruhu, tippreokkupa lill-Qorti.

**19.** B'applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali u ideologiku tar-reati, it-tieni, ir-raba', is-sitta, it-tminn, l-ghaxra, it-tnax, l-erbatax, is-sittax, it-tmintax u d-dsatax imputazzjoni qieghdin jigu, ghal fini ta' piena, assorbiti fl-imputazzjonijiet l-ohra, apparti l-imputazzjonijiet numru ghoxrin u wiehed u ghoxrin.

**20.** L-ghola ammont li iddefrawda l-imputat kien ta' €1,100 lil Odian Peter Ebhota u ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 310(b) tal-Kodici Kriminali. Pero r-reat huwa wiehed kontinwat, u fl-opinjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena ghandha tizdied b'zewg gradi, u l-imputat huwa wkoll recediv, u ghalhekk il-piena ghandha tizdied bi grad iehor.

**21.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena idonea hija wahda karcerarja mhux lejn il-minimu, apparti li jigu rifuzi lura l-flus li ha indebitament, u tigi reza operattiva s-sentenza sospiza.

**Konkluzjoni**

**21.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. wara li rat l-Artikoli 18, 293, 308, 309, 310(1)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hames snin prigunerija.

2. tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-30 ta' Mejju 2015 tigi reza operattiva, u b'hekk l-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' seba' snin prigunerija.

3. Inoltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati biex ihallas lill-partijiet offizi hawn taht elenkati l-ammonti hawn taht imsemmija, fil-konfront ta' kull wiehed minnhom, liema ammonti jirrapprezentaw il-flus minnu defrawdati:

(i) Manomano Dudzayi Timmy: sitt mitt Euro (€600)
(ii) Suneel Patras: sitt mitt Euro (€600)
(iii) Jaser Alzghoul: sitt mitt Euro (€600)
(iv) Orian Jaku: hames mitt Euro (€500)
(v) Diana Savova: mitejn u hamsin Euro (€250)
(vi) Manu Chennakuzhiyl Manu: hames mitt Euro (€500)
(vii) Odion Peter Ebhota: elf u mitt Euro (€1,100)
(viii) Cesare Daniele Cucinotto: elf Euro (€1,000)
(ix) Kangana Ratra: hames mitt Euro (€500)

Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**